MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 201/2004

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 27/04 fl-ismijiet:**

**Improved Design Contractors**

**Vs**

**Bellaviti & Improved Design Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' Bellaviti & Improved Design Limited fit-18 ta' Marzu, 2004, li in forza tieghu, wara li ppremettiet illi;

Illi s-socjeta' intimata talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru succitat fuq il-kontijiet bankarji li s-socjeta'

rikorrenti ghandha jew jista' jkollha mal-*Bank of Valletta plc*, mal-*HSBC Bank Malta plc, Lombard Bank Malta plc, APS Bank Ltd* u assi ohra li s-socjeta' rikorrenti ghandha jew jista' jkollha ghand is-socjeta' estera *Aster Grossi & Speier J.V.*, liema talba giet milqugha;

Ippremettiet illi fl-ewwel lok, is-socjeta' rikorrenti tirrileva illi l-allegat kreditu, in kawtela ta' liema ntalab il-hrug tal-mandat ta' sekwestru, huwa ikkontestat. Jigi rilevat illi s-socjeta' rikorrenti kienet ikkonkludiet kuntratt mas-socjeta' *Aster Grossi & Speier JV* ghat-twettieq ta' xogholijiet relatati mal-progett tal-isptar il-gdid f'tal Qroqq limiti tal-Imsida li ser igib l-isem *'Mater Dei'*. Is-socjeta' intimata, li hija azzjonista fis-socjeta' rikorrenti stess, kienet giet inkarigata mis-socjeta' rikorrenti sabiex, taht id-direzzjoni ta' Felix Mifsud, li kien l-amministratur tal-affarijiet tas-socjeta' *Improved Design Contractors Limited,* twettaq xi funzjonijiet ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti relatati mal-fuq imsemmi kuntratt u dan skond il-kwalita' u termini u programm ta' xogholijiet stipulati fl-istess kuntratt. Ghal dan il-ghan is-Sur Felix Mifsud ghan-nom tas-socjeta' intimata, kien gie appuntat bhala firmatarju ewlieni fil-kont bankarju tas-socjeta' rikorrenti sabiex huwa jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet tieghu ahjar u partikolarment sabiex ikun jista' jhallas l-ispejjez relattivi mal-funzjonijiet li kellu jwettaq ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, inkluz il-hlas tal-impjegati tas-socjeta' rikorrenti u, il-hlas tal-fornituri tal-materjal importat mis-socjeta' rikorrenti a fini tax-xogholijiet li kellha twettaq fl-isptar *'Mater Dei';*

Ippremettiet illi b'dan l-arrangament kif milhuq bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' intimata u kif jista' jigi ulterjorment pruvat waqt l-eventwali udjenza, kwalunkwe spejjez li s-socjeta' intimata inkorriet jew kellha tinkorri fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, kellhom jithallsu u gew effettivament imhallsin mill-kont bankarju tas-socjeta' rikorrenti stess li tieghu, jerga' jigi ribadit, *Felix Mifsud* kien firmatarju ewlieni;

Ippremettiet illi ghaldaqstant is-socjeta' intimata ma' seta' jkollha l-ebda krediti kontra s-socjeta' rikorrenti ghal spejjez li hija ikkontrattat waqt il-funzjonijiet illi hija wettqet

taht il-ftehim fuq imsemmi u *dato non concesso* inkorriet xi spejjez dan zgur illi mhux fl-ammonti sekwestrati. *Inoltre,* kif gia gie spjegat, kwalunkwe spejjez li setghet ikkontrattat is-socjeta' intimata setghet liberament thallashom mill-flus depozitati fil-kont jew kontijiet bankarji tas-socjeta' rikorrenti, kif *daltronde* kienet awtorizzata u kif inghatat istruzzjonijiet li taghmel u kif ser jigi pruvat illi s-socjeta' rikorrenti ghamlet;

Ippremettiet illi huwa opportun li jinghad f'dan l-istadju illi kif ser jigi pruvat waqt l-udjenza, l-amministrazzjoni tal-kont bankarju li ghalih kien responsabbli *Felix Mifsud*, saret b'mod abbuziv u mhux skond l-istruzzjonijiet illi huwa inghata mis-socjeta' rikorrenti u dan peress illi *Felix Mifsud nomine* naqas, fost l-ohrajn, milli jeffettwa l-pagamenti fil-hin lill-fornituri tal-materjal importat mis-socjeta' rikorrenti u effettwa mill-banda l-ohra pagamenti u tranzazzjonijiet ingustifikati ammontanti ghal aktar minn mija u sebghin elf lira Maltin (Lm170,000). Dan u nuqqasijiet ohra ta' Felix Mifsud u/jew tas-socjeta' intimata kienu il-kagun tad-dewmien fix-xogholijiet li kellhom isiru mis-socjeta' intimata fl-isptar *Mater Dei* ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti;

Ippremettiet illi kien proprju ghalhekk illi s-socjeta' rikorrenti kienet sejhet laqgha ta' l-azzjonisti fil-5 ta' Novembru, 2003 (kopja tal-minuti tal-laqgha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata *'Dok A'*) li fiha gie rizolt *inter alia,* illi Felix Mifsud ma kellux jibqa' l-unika firmatarju tal-kont bankarju tas-socjeta' rikorrenti u li mieghu kellu jidhol firmatarju wkoll is-*Sur Alessandro Bellaviti,* direttur tas-socjeta' rikorrenti. F'dik il-laqgha kien gie deciz ukoll illi *Felix Mifsud nomine* kellu jkun responsabbli mill-haddiema li kellhom jigu ingaggati u mit-trasferimenti u distribuzzjonijiet tal-materjal li jigi importat mis-socjeta' rikorrenti;

Ippremettiet illi sussegwentement irrizulta illi x-xoghol imwettaq minn *Felix Mifsud* proprio jew *nomine*, li kellu jsir skond l-istruzzjonijiet u l-inkarigu li huwa inghata mis-socjeta' rikorrenti (u dan kif jidher mill-minuti tal-laqgha tal-5 ta' Novembru 2003 li kopja taghhom hija hawn

annessa), sar mhux skond is-sengha u l-arti u *inoltre* waqa’ lura mill-programm tax-xogholijiet li kellhom jigu osservati skond il-kuntratt ta’ appalt moghti lis-socjeta’ rikorrenti minn *Aster Grossi & Speier J.V.;*

Ippremettiet illi dan kollu wassal sabiex id-direttur tas-socjeta’ rikorrenti, fi skorz sabiex jevita li jigu imposti penali u danni mill-*Aster Grossi & Speier JV* u sabiex jiehu hsieb l-interessi tas-socjeta’ rikorrenti u indirettament ukoll tas-socjeta’ intimata (li hija azzjonista fis-socjeta’ rikorrenti) ittermina l-inkarigu li kien originarjament moghti lis-socjeta’ intimata u lil *Felix Mifsud* u dan permezz ta’ protest gudizzjarju prezentat nhar l-4 ta’ Dicembru 2003 u istitwixxa, f’isem is-socjeta’ rikorrenti, kawza ghal danni bin-numru tac-citazzjoni 99/2004;

Ippremettiet illi minn dan kollu jidher car li lanqas il-kawzali ibbazata fuq prezz ta’ xogholijiet u servizzi ohra rezi mis-socjeta’ intimata ma hija gustifikata u dan ghaliex kif jidher mis-suespost, kwalunkwe xoghol jew servizzi prestati mis-socjeta’ intimata kien isir u sar biss bhala s-sehem u l-kontribut li s-socjeta’ intimata u *Felix Mifsud* kellhom jaghtu fis-socjeta’ rikorrenti, bhalma *Alessandro Bellaviti*, *qua* direttur tas-socjeta’ rikorrenti, kellu jaghti sehemu u l-kontribut tieghu fis-socjeta’ rikorrenti minghajr l-ebda preteza ta’ hlas jew kumpens;

Ippremettiet illi dan huwa ikkorroborat ukoll mill-fatt li, kif jidher mill-minuti tal-laqgha li sehhet fil-5 ta’ Novembru, 2003, l-ebda ftehim ma kien sar dwar xi kumpens jew hlas li sa dak in-nhar tal-laqgha kien dovut jew wara l-istess laqgha kellu jkun dovut ghax-xoghol u/jew servizzi li *Felix Mifsud proprio* u/jew *nomine* (f’isem is-socjeta’ intimata) kellu jikkontribwixxi ghas-socjeta rikorrenti u *di fatti*, li kieku s-socjeta’ intimata kienet verament qieghda tikkontempla li hija kellha ewentwalment tithallas jew tigi kumpensata ghax-xoghol u/jew servizzi li hija kienet giet inkarigata taghmel, bla ebda dubju hi kienet tinsisti ghal dan fl-imsemmija laqgha tal-5 ta’ Novembru, 2003 u li dan kien certament jitnizzel u jirrizulta mill-minuti ta’ dik il-laqgha;

Ippremettiet illi dan huwa korroborat ulterjorment ukoll mill-fatt illi s-socjeta' intimata, konvenjentement ma pproduciet l-ebda dokumentazzjoni jew prova ohra li juru li hija effettivament ghandha dritt, anke jekk *prima facie*, ghall-ammont pretiz minnha;

Ippremettiet illi per konsegwenza, l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* gustifikat u jekk xejn u bla pregudizzju l-ammont mitlub huwa eccessiv;

Ippremettiet illi dawn il-fatti kollha huma *ben saputi* mis-socjeta' intimata u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tifhem kif is-socjeta' intimata intavolat il-mandat odjern u fethet kawza kontriha u ghalhekk l-imsemmi mandat ta' sekwestru intavolat mis-socjeta' intimata huwa intempestiv u vessatorju;

Ippremettiet illi *inoltre* dan il-mandat huwa intiz, u fil-fatt qieghed, jirreka danni serji lis-socjeta' rikorrenti u dan minhabba l-fatt li, minkejja id-deterjorazzjoni fir-relazzjoni kontrattwali tas-socjeta' rikorrenti ma' *Aster Grossi & Speier JV,* kagunati minn nuqqasijiet tas-socjeta' intimata, is-socjeta' rikorrenti ghadha min-naha taghha qieghda tipprova tilhaq arrangament bonarju ma' *Aster Grossi & Speier JV* u tlesti xi xogholijiet rimanenti fl-isptar *Mater Dei* skond l-appalt affidat lilha originarjament. Bla dubju sakemm dan il-mandat jibqa' fis-sehh u ghaldaqstant il-flus dovuti lis-socjeta' rikorrenti minn *Aster Grossi & Speier JV* jibqghu hekk sekwestrati, is-socjeta' rikorrenti mhiex ser tkun f'pozizzjoni li tilhaq dan l-arrangament bonarju u twettaq l-imsemmija xogholijiet *stante* illi din mhux ser ikollha l-fondi necessarji sabiex tiffinanzja dawn l-istess xogholijiet inkluz il-hlas tal-haddiema, bil-konsegwenza li s-socjeta' rikorrenti tista' tinkorri penali *ai termini* tal-kuntratt tal-appalt u sahansitra titlef il-garanzija maghmula minnha ghan-nom ta' *Aster Grossi & Speier JV* bhala sigurata' ghat-twettieq tax-xogholijiet;

Ippremettiet illi jigi rilevat ukoll li s-socjeta' intimata qatt u bl-ebda mod ma sejhet lir-rikorrenti jew talbitha thallas is-somma pretiza, u certament dan m'ghamlitux fi zmien hmistax-il jum qabel ma gie prezentat il-mandat odjern;

Talbet illi in vista tar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka l-Mandat ta’ sekwestru numru 27/04 *ai termini* tal-artikolu 836(1)(d), u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu penali lir-rikorrenti fl-ammont li jigi stabbilit mill-Qorti *ai termini* tal-artikolu 836(8)(b), u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex *a tenur* tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u interessi li jistghu jigu imposti, u fin-nuqqas li tinghata din il-garanzija tirrevoka l-Mandat ta’ sekwestru numru 27/04.

L-esponenti titlob ukoll li dan ir-rikors jinstema’ b’urgenza *ai termini* tal-artikolu 836(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li jigi rizervat kwalunkwe dritt iehor spettanti lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta’ intimata fil-21 ta’ Mejju, 2004, fejn issottomettiet illi, ghar-ragunijiet indikati, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu michuda, u wkoll li is-socjeta’ rikorrenti m’ghandhiex gusta kawza sabiex titlob il-garanzija kontemplata fl-artikolu 838A tal-Kap. 12.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors gie differit ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dawn il-proceduri huma konsegwenza ta’ Mandat ta’ Sekwestru numru 27/04 li s-socjeta’ intimata harget kontra s-socjeta’ rikorrenti in kawtela ta’ pretenzjoni ghal hlas ta’ appalt li s-socjeta’ intimata allegatament wettqet fuq inkarigu tas-socjeta’ rikorrenti. Is-socjeta’ rikorrenti qed tissufruwixxi ruhha mill-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u titlob it-thassir ta’ dak il-Mandat fuq il-bazi li l-kreditu pretiz fil-mandat *“ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv”* (artikolu 836(i)(d)), kif ukoll fuq il-bazi li *“fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli”* (artikolu 836(i)(f)). Ir-rikorrenti qed titlob ukoll l-impozizzjoni ta’ penali *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-istess Kap. 12, u f’kaz li l-mandat ma jigix mhassar, qed titlob ukoll li *a tenur* tal-artikolu 838A tal-istess Kap. 12, din il-Qorti tordna lis-sekwestrant jaghti garanzija xierqa ghal hlas tal-penali, danni u interessi li jistghu jigu imposti, u fin-nuqqas li tinghata din il-garanzija, tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru imsemmi.

Il-Qorti kienet idderigiet lill-partijiet sabiex jillimitaw il-provi taghhom fuq bazi prima facie, izda l-partijiet ressqu provi dettaljati *in sostenn* tal-pozizzjoni rispettiva taghhom. Din il-Qorti taghmilha cara li mhux kompitu taghha, f’dawn il-proceduri, li tanalizza u tinvestiga fid-dettal il-pretenzjonijiet tal-partijiet u sejra tillimita ruhha biss fuq jekk prima facie il-pretenzjoni tar-rikorrenti hijiex gustifikata u jekk il-mandat ghandux jinzamm fis-sehh, *in toto* jew *in parte.*

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f’dan l-istadju tal-kawza huwa jekk l-intimat kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta’ jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja m’ghandux bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi min dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex

jissalvagwardja l-pretenzjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni <u>“Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd”</u>, deciza minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raymond Pace, fis-7 ta”Frar, 2001, *"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta’ intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma’ l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu”.*

Jirrizulta almenu *prima facie* li s-socjeta’ rikorrenti kienet qabdet lis-socjeta’ intimata sabiex tesegwixxi appalt li s-socjeta’ rikorrenti hadet in konnessjoni mal-bini tal-isptar il-gdid gewwa l-Imsida li se jinghata l-isem ta’ *“Sptar Mater Dei”.* L-appalt kien ittiehed mis-socjeta’ *Bellaviti & Improved Design Limited* (minghand is-socjeta estera *Aster Grossi & Speier JV)* li hi socjeta’ mahluqa mid-ditta taljana *Bellaviti S.P.A.* u mid-ditta intimata *Improved Design Contractors Ltd.* Id-ditta *Bellaviti & Improved Design Limited* tat parti mix-xoghol lis-socjeta’ *Improved Design Contractors Ltd,* u din, wara li xtrat diversi materjal u wettqet xoghol varju in esekuzzjoni tal-kuntratt moghti lilha, qed titlob li tithallas dak li hu dovut lilha. Fil-kawza li hi resqet ghal hlas (dik bin-numru 31/04) qed titlob hlas u rifuzzjoni ta’ spejjez minnha inkorsi in konnessjoni mal-materjal kollu importat ghal fini tal-progett, mal-hlasijiet li ghamlet lill-haddiema lokali taghha, ghas-servizzi minnha pprovduti, u ghall-ispejjez amministrattivi, inkluz hlasijiet dovuti lill-perit li kien responsabbli ghas-supervizjoni u kontroll tal-kwalita’ tal-materjal u ta’ konformita’ mal-*specifications* rikjesti.

Is-socjeta’ rikorrenti tallega li ma jistax ikun li hemm xi spejjez dovuti lis-socjeta’ *Improved Design Contractors Ltd* ghax certu *Felix Mifsud,* li kien imexxi din is-socjeta’ intimata, kien firmatarju tal-kont bankarju li infetah f’isem is-socjeta’ rikorrenti, u, ghalhekk, il-hlasijiet dovuti kienu jsiru kollha mill-flus tas-socjeta’ rikorrenti.

*Inoltre*, is-socjeta’ rikorrenti qed tallega wkoll li s-servizzi li kienet tforni s-socjeta’ intimata *Improved Design Contractors Ltd* kienet taghmilhom bhala kompartecipi fil-

kumpanija rikorrenti, u kwindi ebda hlas ma hu dovut fir-rigward.

Il-Qorti ezaminat l-atti proceswali, specjalment id-dokumenti ezebiti, u tistqarr li ma tistax tikkondividi l-allegazzjoni tas-socjeta’ rikorrenti li l-ispejjez inkorsi mis-socjeta’ intimati thallsu kollha mill-flus tas-socjeta’ rikorrenti. Hu veru li thallsu diversi spejjez mill-kontijiet bankarji tas-socjeta’ rikorrenti, *pero’*, almenu *prima facie*, ma jistax jigi eskluz li ghad hemm xi spejjez li ghadhom ma thallsux u/jew li saru xi hlasijiet mhux mill-flus tas-socjeta’ rikorrenti, specjalment ghall-pagi tal-haddiema li kienu jahdmu fuq dan il-progett, ghal fornitura ta’ materjal, u ghas-servizzi li ta’ l-*Perit Borg Hayman.* Bejn il-partijiet, tul l-esekuzzjoni ta’ dan l-appalt, inqalghu diversi problemi u mhux dejjem gew solvuti b’mod amikevolment. Jidher li, per ezempju, inqalghet problema dwar materjal *“fire resistant”* li kellu jintuza fl-Isptar, u dwar minn fejn kellu jigi ordnat dan il-materjal u l-hlas ghalih, u dan peress li s-socjeta’ rikorrenti riedet li dan il-materjal jinxtara minghand id-ditta *Bellaviti S.P.A.* Jidher li eventwalment, is-socjeta’ intimata akkwistat dan il-materjal minn band’ohra u hallset ghalih hi. Ghax xoghol li s-socjeta’ intimata wettqet u ghal flus li nefqet kienet baghtet ukoll *invoices* lid-ditta estera li, *pero’*, baqghu mhux sodisfatti.

Fil-kors tas-smiegh tal-provi, saru diversi allegazzjonijiet dwar il-kwalita’ tax-xoghol imwettaq mis-socjeta’ intimata u dwar il-pozizzjoni li kienet tiehu s-socjeta’ *Aster Gross & Speier JV*, biz-zewg nahat issostnu pozizzjonijiet opposti u jallegaw li dik is-socjeta’ estera kienet taqbel mal-pozizzjoni rispettiva li kull wahda kienet tiehu. Din il-Qorti ma jidhirlhix li kellha tidhol f’dawn il-kwistjonijiet, li ghandhom, minflok, jigu mistharga fil-kawza li tittratta l-meritu. Bizzejjed jinghad, *pero’*, li mid-dokumenti ezebiti ma jirrizultax li s-socjeta’ intimata wettqet xoghol daqshekk hazin li ma jimmeritahiex hlas.

*Oltre* dan, il-Qorti ma tistax taccetta *sue due piedi* l-pretenzjoni tas-socjeta’ rikorrenti li ghas-servizzi moghtija mis-socjeta’ intimata, din ma kellhiex tippretendi hlas. Il-principju *omnia labor optat praemium* m’ghandux

facilment jigi skartat, u sakemm ma jigix pruvat konkludentement li kien sar qdil li s-socjeta' intimata ma kellhiex tippretendi hlas ghas-servigi minnha rezi, l-applikazzjoni ta' dan il-principju ghandu jwassal ghal konkluzzjoni li, almenu *prima facie,* il-pretenzjoni tas-socjeta' intimata fir-rigward ghandha titqies gustifikata.

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li l-qliegh tas-socjeta' intimata kellu jkun filli hi tippartecipa fil-profitti li taghmel is-socjeta' rikorrenti, u dan skond l-isthma tal-partijiet fil-kumpanija; qed tghid li meta s-socjeta' intimata dehrilha li dan l-arrangament ma kienx se jigi jaqbilla, dawret il-ftehim biex minn socju issir sub-appaltatur. Il-Qorti tinnota li din hi materja li trid tigi diskussa fil-kawza dwar il-meritu, *pero'* ma tistax ma tosservax li pretenzjoni ghal partecipazzjoni fil-qliegh tista' timmerita wkoll li tigi kawtelata bil-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru, u li s-socjeta' *Bellaviti S.P.A.*, li kienet ukoll socju fis-socjeta' rikorrenti, ghamlet servizzi u bieghet prodotti lis-socjeta' rikorrenti u li taghhom qed tippretendi hlas u qliegh. *Prima facie*, ma jidhirx li s-socjeta' intimata m'ghandix ikollha l-istess pretenzjonijiet. Hu konfermat li s-socjeta' intimata, u anke dik estera *Bellaviti S.P.A,* ghandha pretenzjoni kontra s-socjeta' rikorrenti, liema pretenzjoni, almenu *prima facie,* timmerita kawtela, u fic-cirkustanzi ma jidhirx li hu desiderrabbli li l-Qorti tordna r-revoka tal-Mandat kawtelatorju in kwistjoni.

Din il-Qorti, *kwindi*, ma thossx li ghandha tilqa' t-talba ghar-revoka tal-Mandat kawtelatorju meritu ta' dawn il-proceduri. Ghal-istess raguni, ma tarax li, f'dan l-istadju, ghandha tordna lis-socjeta' intimata thallas penali taht l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

Ghar-rigward tat-talba rikorrenti ghal ghoti ta' garanzija taht l-artikolu 838A tal-indikat Kap. 12, din il-Qorti tikkondividi l-veduta sottomessa mis-socjeta' intimata illi mhux kull min jitlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u jitlef il-kawza li jressaq fil-meritu, ghandu jkun passibbli ghad-danni, u dan anke jekk ma jigix ippruvat li l-hrug tal-mandat sar b'abbuz u b'vessatorjeta: ara, id-decizjoni ta' din il-Qorti, kif pressjeduta, fil-kawza "Zarb vs Port Cottonera Ltd deciza fit-18 ta' Settembru, 2002.

Biex dak li jitlob il-hrug ta’ Mandat kawtelatorju jkun responsabbli ghad-danni u/jew penali, irid jirrizulta *mala fede* u agir irrisponsabbli u vessatorju, u *kwindi* min jitlob l-impozizzjoni ta’ garanzija irid juri, almenu *prima facie,* li s-sekwestrant agixxa jew qed jagixxi in *mala fede.* Dak li jkun, irid jissodisfa lill-Qorti li tezisti *“kawza gusta”* ghall-impozizzjoni ta’ garanzija xierqa, izda f’dan il-kaz, din il-prova ma saretx. Ma saretx prova mis-socjeta’ rikorrenti la li s-socjeta’ intimata qed tagixxi malizjosament, u lanqas f’kull kaz, li s-socjeta’ intimata hija falluta jew m’ghandhiex assi bizzejjed biex taghmel tajjeb ghal eventwali kundanna ghal hlas tad-danni resultanti mill-hrug tal-Mandat in kwistjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------